u ta' għamla waħda bħal: *mqass* (minn: *qass*) *mradd* (minn: *radd*). — l-imġieri ta' Malta u Għawdex, għandi nifhem u inti għandek tifhimha bħali, huma ħaġa oħra u għalhekk minn kiteb *Moġra* bil-plural tagħha *Mġâr* ma kellux f'rasu li jħallat isem ma' ieħor. L-*Imġâr* ta' Malta, irħajjel fuq it-triq ta' bejn iż-Żebbiegħ u l-Ġnejna, għandi nifhem li hu wieħed minn dawk l-ismijiet ta' post u ta' dak it-tifsir li tâna T. Z. Il-kelma *Mġâr*, bħala plural ta' *moġra* bit-tifsir ta' *nixxiegħa* ma għadhiex f'ħalq il-poplu. Il lum il-poplu iktarx iħallat il-plural qadim ta' *moġra* f'dak ta' *Mġarr* (minn: *ġarr*) u għalhekk ma jagħżelx bejn il-ħoss ta' *Mġarr* (ix-Xini) ta' Għawdex u ta' l-*Imġâr* ta' 'l fuq miż-Żebbiegħ ta' Malta.

Fuq il-kitba ta' *Mġâr*, qabbel fil-Għarbi l-kelmiet: *maġra* (*n*) u l-plural tagħha *maġâr*. (=water course, channel, bed of a river. HAVA. Arabic English Dictionary) u s-suriet ta' kliem ieħor Malti ta' għamla waħda bħal: *darsa*, *dras*; *nagħġa*, *ngħâġ*. Il-lum il-poplu flok *mġâr* igħid *imġieri*. Cfr: VASSALLI u FALZON.

F. S. (IL-BELT). Fil-qwiel maltin: *Jiena u ġej*, *intom u timxu*, il-partiċella *u* għandha t-tifsir ta' *waqt li kont*, *kontu* eċċ. Dina l-partiċella *copulativa* hija għalhekk imsejħa mill-grammatiċi ta' l-ilsna semitiċi *waw conversivo*, għaliex tbiddel it-tifsir tal-verb fil-*present* jew *futur* (aoristo) fit-temp imgħoddi jew *passât* biex tfiehem egħmil li sar fil-waqt ta' wieħed ieħor li qiegħed isir. L-*u* (waw) *conversivo* fil-Malti għandu dejjem qablu l-pronom ewlieni *jiena*, *inti*, *hu* jew il-plurali tagħhom. Il-partiċipju present li fih in-nifsu jfisser l-egħmil li qiegħed isir mis-suġġett joqgħod flok l-*aoristo* u jieħu l-*u* qablu bħal fil-qwiel: *Jiena u miexi* flok *jiena u nimxi*.

Mhux tassew li dina l-ħaġa ssibha fil-Malti u fil-Lhudi biss. Jekk PRECA fil-"*Malta Cananea*" pag: 240, qal li ma tinsabx fil-Għarbi, naħseb li ħa żball. Qabbel il-qwiel: *Hawi jiqtol* (WYNER) imqassra f'*Wajiqtol* tal-lhudi u *Huwa u joqtol* tal-Malti. Tarġa: *Mxît u-hûa igħâjet* tal-Għarbi Tripolin (GRIFFINI) u *mxejt huwa u jgħajjat* tal-Malti. *Qutil (a) el għàdu (w) wahw (a) nâjmun* tal-Għarbi letterarju (SCIALHUB) u: *il-għadu nqatel* (jew *ġie maqtul*) *huwa u rieqed* tal-Malti.

Naraw fil-Malti li l-*u conversivo* insemmgħuha wara l-pronom.

Fil-lhudi, skond ma juri Wyner, il-pronom jiġi mixrub

A. C.

# MALTA QADIMA.

Il-għerf dejjem sejjer il-quddiem, u bil-ftit il-ftit, il-bniedem qiegħed jinduna b'ħafna ħwejjeġ li qabel anqas biss kien joħlomhom. Bis-saħħa t'hekk sirna nafu li d-dinja hija wisq eqdem milli konna naħsbuha u li l-bniedem deher fuq l-art eluf ta' eluf ta' snin ilu. Kemm sewwa, għadna ma nafux u mhux ftit huma l-ġlied bejn il-għorrief fuq daqshekk, għax min igħid ħaġa u min igħid oħra u kullħadd iridha tgħaddi tiegħu. Iżda minn daqs tant aħna żguri li d-dinja hija wisq eqdem milli qabel konna naħsbuha.

Minn żmien il-ħolqien, bosta tibdil għadda minn fuq l-art, u kieku kellna nsemmgħuhom kollha ma konna nispiċċaw qatt. Fost kollox nafu li l-art kienet sikwit titrigħed, għax il-qalba tagħha kienet għadha sħuna wisq. Dan it-tregħid sewa wisq biex ibiddel wiċċ l-art u għalhekk xejn ma għandna nistagħġbu li nibtet elf għolja ġdida u elf oħra indifnet taħt il-baħar.

Kien hemm żmien meta Malta u Għawdex—il-lum żewġt igżejjer żgħar ħafna—kienu ħaġa waħda ma' biċċa art kbira li kienet tgħaqqad l-Ewropa ma' l-Afrika. Imħabba xi tqallib fl-art, din irtadmet u baqa' minnha xi ftit gżejjer, fosthom Malta u Għawdex. Iżda hawn min jaħseb—għalkemm mhux kullħadd jaqbel f'dan—illi għal l-ewwel, Malta kienet wisq ikbar milli hi l-lum, u fuqha kienu jgħixu elf xorta ta' bhejjem li l-lum bilkemm nafu bihom.

Jekk tmorru l-Mużew tal-Belt taraw kull għadma daqsiex, li trid saħħa mhux żgħira biex tiżinha. Dari kienu jaħsbu li dak il-għadam kien ta' xi ġganti li għal xi żmien għammru f'Malta, imma l-lum sirna nafu li din tal-ġganti hija ħrafa, u li dak il-għadam huwa ta' bhejjem kbar li kienu jgħixu fi gżiritna fil-qedem nett. Fosthom issibu għadam ta' ljunfanti kbar u żgħar, ta' driebes, ta' orsijiet, ta' fkieren imdaqqsa u x'naf jien.

Ma għandniex xi ngħidu, bhejjem ta' dak id-daqs ma kienux igħixu f'Malta kieku ma kienux isibu hawn ikel bix-xaba' u wesgħat u xmajjar fejn jistgħu jirgħu. Minn dawn ix-xmajjar kellna bosta u t-tħaffir li ħallew fl-art huma u għaddejjin għadu jidher fil-widien tagħna li jekk tifluhom tajjeb għandkom issibuhom aktarx jâtu għall-baħar.

Imma donnu li t-theżżiż ta' l-art ma siketx u li Malta saret hekk ċkejkna li ma kienx hawn ikel biż-żejjed ħa' jxabba' l-annimali kbar, u dawn bdew imutu bil-mijiet u f'qasir żmien għabu

M24
VASSALLI AND HIS TIMES A. CREMONA
CREMONA

# IL-MARD TAT-TFAL.

m"in kotra kbira ta S"au „ ħa- jaħarbu xi ħsara.
'"f vuh.n donnhon, *e*' hemtn ^ rif , rf
l-^^iad, S« la kemm_tati tweġiba bi,,e
l**i'e' taR,,r l,z Jm, ns.qarru li fuq dan ,ew ma nafu xejn.j,
għax hen,n, „ ħax il-għo, rief ma tħabtux biex is.ru m
U fiit *'s'l- 5 " ,lliedna jkunu jafu xi ħaga b.ll, js,s
r.k.arx il-c,udd.em uliedn għa, tagħlim ^ »
G Despoti sab xi ^.żmien, meta 1-bn.edem k.en għadu
Uda f/T 11 f bil-għodda tal-ġebel jew taż-żnied, Malu
,,ah ' 1 Tr b'kotra kbira ta' nies skond kif jidher mill.
k,ene, ^*'TMTM li ssibu mxerrdin max-xtut ta' Mal,,
n1»3 °qv-e,kSn1 bdewia ħdmuiktarbir-reqqa minn ta'qbilho.
X S rX' "txaffra aħjar u jħalluk tinduna 1
L għamilhom kien ġa beda jstb tt-tnq tal-Għerf

Għal dawk iż-żminijiet, anzi. mstgħu ngħidu !im,nkiei Mummar Malta kellu tfħerf ikbar minn ta'ħaddieħor u tixjira Rhax-xoRhol tas-sew tal-għaġeb. Minminnkom ma semai b'Hal Saflieni, b'Ħaġar Qim, bl-Imnajdra u b'bosta bini bha! dawn? Il-b.m saru f'ħalq kuilħadd, għax fl-aħħar bdejna niit tebhu liġebla mwieżna fuq ohra jista' jkollha flha bosta tagħlim Uan il-ġebel kbir waqqfuh missirijietna fiż-żmien liq'ed insemmgtii u juri sewwa keinm kienu niħarrġin fix-xogħol. Għax, kess Wextwaqqaf ġebel bħal dak trid saħħa ta' ġgant ti moħħ lijll jaħseb. Mħux ta' xejn, tara 1-barrani jibqa' ħalqu miftuħbil zħaġeb u jintilef wara ġmielhom! Mhux ta'xejn tara 'l-għorrie! ta bara imġen'na fi,q dawn 1-imqades tagħna!

Uan tafu 1-għaliex ? Għax jaħsbu illi fiż-żminijiet qodmal egħdn msemmu, Maka kienet 'in-nieqa tal-għerf, mnejn ħarġei "għ kien ħWTa''j:iqra Din-hi^ dakHa tagħna u Unqas q« •5S T fr dakH v&«» )iktbu

Ugħidu k,tmmt' kollOX "-*e™aniżi jara li kull ma qegħ*'
mku'm, ndiasLil hsietb taS ħho™> u Alla m'għamilna.
: ",Inn M«lta ħareġ ilGħeff " niftaħru H " Ex Melita

I R. Briffa.

L»> 1 'G Desnntt fl *Socieià Malta Ston**

I nedmin h dehret r2?7*afr«». waħda mill-ewwel i* *

IT-TRABI U T-TFAL
MALTIN U GĦAWDXIN.

Aħna, fl-erbgħa u tletin sena li ilna tobba, 1-aktar li ħabbilna rasna, kien fuq il-mard tat-tfal, u dejjem fittxejna u flejna d-għala. Hawn Malta, ittrabi u t-tfal jimirdu wisq. għad lixiktar imnisslin minn nies fsaħħitbom —1-aktar fir-rħula—u I-ommijiet aktarx ireddgħuhom: imnissla f'art imbierka fejn għadha ma daħlitx id-drawa ħażina li I-missirijiet u 1-ommijiet jitmeżimżu min-nieqa u mill-kotra tat-trabi: fejn dik lijgħidulha 1-imħabba tat-tfal—*thc cuH of the cradte, —it culio alla eulia*—il-għożża tan-nieqa, għadha tħeġġeġ u għadha I-għaxqa tan nies miżżewġa. Hawn, dik li jsejħulha *race suicide* — il-qerda tan-nisel tan-nies b'idejhom—għadha, għall-ħniena t'Alla, madaħletx; dik il-kerda li tant kitbu fuqha Father Vaughan, il-President Roosevelt(li martu, iluftit, żaret Malta u faħħritha ħafna) u bosta għorrief oħra.

Missierna 1-għażiż, (likien tabib ukoll). kien ukoll ħa ħsieb tal-mard tal-qerda tat-trabi u fl-1869 kien 1-ewwel tabib f'Malta li kien induna li kien hawn *\à-Diphtheria.* Kien dak iż-żmien tabib *ta\-Pu/izija,* 1-Imsida, u kien sab lidil-marda kiefra u qalila kienu rikbuha 1-Ħasselin ta'San Ġorġ u minn hemm xerrduha 1-Imsida u bnadijiet oħra u kien salva ħafna tfal.

Kemm smajna kbarat u nisa tagħhom ifaħħru t-tfal u l-trabi f'Malta u Għawdex għas-saħħa u għas-sbuħija tagħhom! għax fejn hemm is-sbuħija hemm issaħħa, għax il-mard ikerrah, ikasbar u jqadded it-trabi u jisfigurahom ukoll.

U-għaref Prof. Dr.Ermanno Eicehorst ta' Zurigo, wieħed mi*01*-akbar tobba liqatt rat id-dinja, igħid liI-mard tat-tfal 1-aktar imsemmi bħala żerriegħa tai-mewt huma 1-mard ta' 1-imsaren u 1-mard tal-qafas u tal-pulmuni u tat-tubi tan-nifs—*bronchi.*

» Ii-mard ta' 1-imsaren (li kiteb fuqu 1-kbir Forbes-Ross waħda mil 1-isbaħ opri u 1-aktar ġodda — *Iniesiinal Intoxication m chiidren)* hu dak li iktarx issibu fi tfal *iileġittimi* — minngħajr omm u missier magħrufa—għax dawna mitluqa għall-għonq ittriqu jieklu dak lijsibu jewdaklijatuhom il-barranintal ħniena milli jkollhom: il-mard tan-nifs u tassider li aktarx issibu ht-tfal *teġittimi,* ligħandhom 1-omm u I-missier, għax għalkemm ġewwa jdarruhom fis sħana, malli joħorġu barra jieħdu riħgħal kullxejn